**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 22

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 13 ta' Jannar, 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-4:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm l-ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm

## 22.2 Punti mqajma, kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 21

22.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-wieħed u għoxrin-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

22.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

22.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Diane Abela Penza, l-minuti tal-wieħed u għoxrin-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-kwistjoni rikurrenti u l-problema ta' diversi aċċidenti li qed jiġru fejn iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija. Huwa nforma lil Kunsilliera kif seħħ inċident stradali ieħor fis-27 ta' Diċembru, 2025 qrib iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija. Kompla jgħid kif wara parir li huwa ħa, għamel kuntatt mal-Uffiċċju tal-Maġistrat inkwerenti fil-każ, biex ikun jista jitla quddiem il-Qorti u jesponi għall-iskrutinju, d-dokumenti kollha li għaddew bejn il-Kunsill u l-awtoritajiet responsabbli mis-sigurta f'din it-triq. Dan bl-iskop li l-Qorti tagħmel il-kummenti tagħha biex l-inħawi jiġu siguri darba għal dejjem għal kulħadd, kemm għas-sewwieqa u kif ukoll għal dawk li jkunu għaddejjien bil-mixi.

Is-Sindku kompla jgħid kif il-maġistrata laqgħet it-talba tiegħu u fis-7 ta' Jannar, 2026, ingħata appuntament u f'isem il-Kunsill bħala s-Sindku għadd lill-Qorti l-korrispondenza kollha li saret bejn il-Kunsill u l-Awtoritajiet responsabbli.

22.3.2 Is-Sur Dalli tkellem dwar ix-xogħlijiet li qed isiri fi Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1. Huwa spjega kif ix-xogħlijiet kienu qed joqorbu lejn it-tmiem, meta nstab leakage tal-ilma fi propjeta fi Triq il-Kunċizzjoni. Saru l-investigazzjonijiet neċċessarji u ma nstab xejn straordinarju mill-WSC. Il-Perit ta' IM waqqaf ix-xogħlijiet biex mhux isir il-wiċċ umbagħad ikollu jerġa jinqala. Is-Sindku qal kif il-Hamis 8 ta' Jannar, 2026, huwa ngħata appuntament mill-Inġinier responsabbli mis-servizzi ta' l-ilma fejn infurmah li ttieħdet deċiżjoni biex jinbidel l-main ta' l-ilma prinċipali ta' Triq il-Kunċizzjoni minn Triq il-Forn sa ħdejn il-Kappella tal-Kunċizzjoni. Waqt dan il-meeting is-Sindku ġie nfurmat ukoll li se jibdlu xi partijiet mill-main tad-dranaġġ. Għalhekk intalab ukoll meeting mal-Inġinier responsabbli u sal-llum ma ġara xejn.

22.3.3 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet fi Triq Mons J. Fenech u Triq Preziosi fejn qal li dawn ukoll jidhru li waslu biex jiġu ffinalizzati u suppost jidher li sal-aħħar ta' Jannar, 2026 dawn ix-xogħlijiet għandhom ikunu magħluqha.

## 22.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

22.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 22.5 Korrispondenza

22.5.1 Rapport tal-korrispondenza anness mal-minuti. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera, biex ikunu jafu dwar xiex jittrattaw ċertu korrispondenza li ntbgħatet, saru fuq:

a. 2025/000623
b. 2025/000625
c. 2025/000630
d. 2025/000649
e. 2025/000662
f. 2025/000717

g. 2025/000718
h. 2025/000721
i. 2026/000009
j. 2026/000024

22.5.2 In-natura ta' kull korrispondenza msemmija hawn fuq ġiet spjegatha fil-qosor mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera ġew imfakra kif huma jistgħu jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill fil-ħinijiet tal-ftuħ u jaraw din il-korrispondenza mill-file aktar fid-dettal.

## 22.6 Aġġornament Milied u Christmas Market 2025

22.6.1 Is-Sur Dalli ta aġġornament dwar il-Christmas Market 2025 li organizza l-Kunsill Lokali. Huwa qal kif mill-feedbak li ġabar mill-għaqdiet kollha, bħala Christmas Market on the whole kien organizzat tajjeb anke bħala post barra kien aħjar. Dejjem jkun hemm xi affarijiet żgħir li jistgħu jitjiebu perżemepju ċertu stalls għal darboħra jistgħu jkollhom aktar dawl magħhom.

22.6.2 Is-Sindku kompla jgħid kif hemm bżonn li jsir aktar marketing biex jintlaħqu aktar nies u s-Sibt filgħaxija tajjeb jekk darboħra jkun hemm xi ftit Entertainment. L-għaqdiet li kienu preżenti nfurmaw lis-Sindku kif darboħra ukoll il-Christmas Market m'hemmx bżonn isir minn filgħodu għaliex l-attendenza kienet vera minima filgħodu, peress li anke jiġu organizzati ħafna Christmas Markets u attivitajiet tal-Milied oħrajn madwar Malta kollha. Jekk isir wara nofsinhar biss biżżejjed. Dawn kienu ħinijiet li għażlu l-għaqdiet stess u mhux ingħataw mill-Kunsill, però mill-esperjenza għal darboħra wieħed dejjem jitgħallem biex sena oħra l-performance titjieb.

22.6.3 Dwar l-attivitajiet l-oħrajn tal-Milied mtellajn mill-Kunsill, is-sindku kkumenta u qal li dawn ukoll kollha marru tajjeb u l-feedback kien wieħed pożittiv. Fl-opinjoni tiegħu, l-kunċert biss mar daqsxejn ħażin u għal flus li dan ġie jiswa vera mhux worth it għax ma kienx hemm interess min-nies li jattendu għalih, li hija vera ħasra kbira.

22.6.4 Dwar il-christmas Market u l-feedback li ngħata, l-Kunsilliera qablu mal-punti msemmija. Il-Viċi Sindku Cini qal li huwa għandu suġġeriment wieħed biss, li forsi jkun hemm daqsxejn aktar varjetà bħal eżempju jkun hemm choir tat-tfal kif tlesti l-quddiesa jkantaw fuq iz-zuntier għal nofs siegħa, is-Sibt u l-Ħadd.

22.6.5 Il-Kunsillier Lorraine ssuġġeriet biex forsi għal darboħra kull stall jkollha individual gazebo tagħha mgħottija jew inkella titpoġġa tinda kbira u kollox jkun taħta biex tilqa għal maltemp. Issuġġeriet ukoll biex jinkrew il-mushroom heaters minħabba l-kesħa.

22.6.6 Il-Kunsillier Diane ssuġġeriet li jkun hemm aktar entertainment u staqsiet jekk fuq il-kartolina li ntbgħatet kienx hemm id-data miktuba tal-Kunċert forsi għalhekk ma ġewx ħafna nies. Is-Sindku qal kif id-data kienet mniżżla.

22.6.7 Il-Kunsillier Carl qal li huwa sema u kellu ħafna tifħijr dwar il-christmas Market għaliex huwa minħabba mard ma setax jattendi. Qal ukoll kif fl-opinjoni tiegħu l-Kunċert setgħa jkun strutturat aħjar u ma kienx tal-parir li ssir quddiesa miegħu għaliex l-Kunċert waħdu diġà huwa twil u bil-quddiesa jiġi itwal u għalhekk ħafna nies iddejqu u spiċċaw telqu. Huwa kkummenta anke dwar is-set up u fil-fehma tiegħu seta jiġi organizzat aħjar. Għal darboħra ġie kkunsidrat li l-Kunċert forsi jsir waħdu ġewwa s-Salvatur il-Qadim jekk filkas.

## 22.7 Festival taċ-Ċitru 2026

22.7.1 Is-Sindku qal kif il-preparazzjonijiet biex jitella l-festival taċ-ċitru kważi kollha huma ffinalizzati u magħluqin. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku qraw lista bl-ispejjeż finali marbutin ma' dan il-festival. Kopja ta' din il-lista ngħatat lil kull kunsillier. Ġie mfakkar li l-ispejjeż kollha huma kollha koperti minn skema tal-attivitajiet kulturali.

22.7.2 Mal-lista tal-ispejjeż li ġiet mtella ġew miżjudin: l-ispiża ta' kennies u cleaner/attendant mal-latrina. Forsi tiżdied ukoll spiża biex isir show żgħir minn dancing school, pero xejn għadu mhu kkonfermat.

22.7.3 Dwar it-trust bil-poster is-Sindku qal li dan ma jistax jintrama fit-tarf ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni minħabba il-boundary wall li sar mas-sit tal-kantuniera. Huwa tal-parir li għas-sena 2026 jew jintrama fi Triq il-Mosta kantuniera ma' Triq San Mikiel jew inkella fi Triq il-Mosta aktar il-fuq ma' Triq Agostino Portelli (Ta' Senna). Il-Kunsilliera kollha qablu biex it-trust jitpoġġa ma' Triq Agostino Portelli.

22.7.4 Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat invitazzjoni lis-Surmast tal-iskola primarja biex jekk jixtieq jagħmlu stand tal-EKO skola fil-festival.

22.7.5 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kollha kif ta' Bonaċi ' The Bakers House' ser ikunu qed jagħtu lil kunsill xi ħaġa tal-ħelu bit-toma tal-larinġ bi prezz ridott biex tkun tista titqassam mill-istant tal-Kunsill b'xejn lin-nies li jattendu l-festival. Ukoll il-Kunsill għadu qed ifittex chef u hawnhekk is-sinjura Lorraine Farrugia Muscia offriet biex tara jekk ssibx xi chef hija ukoll.

22.7.6 Ser jiġi nfurmat il-Kappillan ukoll biex javża fl-avviżi u jfakkar lin-nies dwar din l-attivita u biex jekk għandhom xi larinġ li jixtiequ jagħti lil kunsill javviċinaw l-uffiċċju amministtrattiv malajr kemm jista jkun.

22.7.7 Is-Sindku tkellem fuq il-parteċipazzjoni tal-Għaqda Agrarja li qed tieħu ħsieb hi stess ttella poster bi informazzjoni dwar it-talk li ser tkun qed tagħmel dakinhar u biex anke min jixtieq jesebixxi larinġ mill-ġnien tiegħu fil-wirja jkun infurmat.

## 22.8 Aġġornament dwar is-Sejħa ta' Impjieg Skala 15 / FT

22.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil Kunsilliera kif din is-sejħa diġà l-ewwel ħarġet internament ġewwa il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija fejn ma kien hemm ħadd interessat jew eliġibbli li japplika. Immedjament wara dan is-sejħa ħarġet ġewwa il-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha fejn reġgħa ma kien hemm ħadd interessat japplika.

22.8.2 Is-Sinjura Seguna qalet kif hija issa qiegħda fi kuntatt ma' Jobs plus biex tingħata l-approvazzjoni u jingħataw xi listi ta' applikanti li qed jirreġistraw għall-impjieg ma Jobs plus. Is-Sinjura Seguna qalet kif appena jkollha din il-lista jew listi f'idejha, ser tikkuntattja lill-applikanti kollha rreġistrati biex jekk interessati japplikaw fi żmien stipulat.

22.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil Kunsilliera kif fil-jiem li ġejjien ser tkun fi kuntatt magħhom biex filfatt tinstab data ta' meta jistgħu jsiru l-interviews lil dawk l-applikanti li japplikaw u qed jirreġistraw ma' Jobsplus. Hawnhekk is-Sindku qal kif aħjar tittieħed deċiżjoni dwar min ser ikun parti mill-bord tal-evalwazzjoni ta' dawn l-interviews. Huwa nforma lil kunsilliera kif kulħadd jista jattendi però jekk dak inhar għal xi raġuni jew oħra xi ħadd ma jkunx jista jattendi, l-interviews xorta ser isiru kif pjanat mill-membri l-oħra li jkunu preżenti.

22.8.4 Ġie deċiż li s-Sindku Anthony Dalli, il-Viċi Sindku Calcedonio Cini, u il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia ser jiprovaw jkunu parti mill-bord żgur flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv s-Sinjura Pamela Seguna. Il-Kunsilliera l-oħra għadt iridu jikkonfermaw l-attendanza tagħhom, però xorta waħda s-Sindku reġgħa enfażizza kif il-proċess tal-interviews xorta ser isir fid-data l-magħżulha, minkejja l-attendenza tal-Kunsilliera għal dakinhar.

## 22.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

22.9.1.1 <u>Ilmenti fi Triq Sant Andrija sqaq nru 1</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill korrispondenza b'xi lmenti fi Triq Sant Andrija Sqaq nru 1. Hija qrat din il-korrispondenza u fil-qosor ġie spjegat kif l-ewwel ilment jittratta dwar aċċess li mhux adekwat biex wieħed jidħol u joħroġ f'dan l-isqaq permezz ta' van kbir. It-Tieni lment jittratta dwar pole tal-Enemalta li skond dan ir-resident ukoll ħabba fih jidjieq l-aċċess għall-isqaq u idealment jitneħħa u jitpoġġa x'imkien ieħor, però Enemalta ma laqatx it-talba ta' dan ir-resident biex il-pole jitneħħa.

22.9.1.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda kif dwar l-ewwel ilment, fl-isqaq hemm diġà biżżejjed double yellow lines kif suppost biex l-isqaq ikun aċċessibbli, li jillimitaw karozzi biex ma jipparkjawx f'ċertu postjiet f'dan l-isqq żgħir ħalli ma jkunux ta' ostaklu. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li meta jkun jrid jidħol vann fl-isqaq, li jaf jkun daqsxejn aktar akbar u wiesgħa minn vettura normali, is-sid tal-vann għandu jieħu ħsieb jiġi għand il-kunsill u għal dik id-data li jeħtieġ jaċċessa l-isqaq jagħmel no parking sign kif suppost.

22.9.1.3 Dwar it-Tieni lment il-Kunsill unanimament iddeċieda li r-resident għandu jiġu nfurmat li din hija kwistjoni ma' Enemalta u għalhekk ir-resident għandu jibqa jippersisti u jiġri wara Enemalta huwa jekk ma jixtieqx li dan l-arblu jibqa hemm. Din hija xi ħaġa li l-Kunsill m'għandux kontroll fuqha u fir-responsabbiltà ta' Enemalta biex tiddeċiedi.

22.9.2.1 <u>Ilmenti fi Triq Il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill korrispondenza b'xi lmenti fi Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1. Hija qrat din il-korrispondenza u fil-qosor ġie spjegat kif ir-resident qed jitlob double yellow lines quddiem il-garaxx tiegħu. Ukoll ir-resident qed jilmenta fuq bankina u rampa fl-istess sqaq li qed jgħid qed itelfuh milli jidħol ġol-garaxx tiegħu.

22.9.2.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jerġa jikkonferma tal-aħħar eżatt fejn iridhom ir-resident id-double yellow lines u quddiem liema garaxx u anke ser jintalab jibgħat ritratt tal-garaxx miftuħ biex il-Kunsill jivverifika li vera tidħol vettura. Rigward ir-rampa u l-bankina din hija xi ħaġa li trid tiġi ddeterminatha minn IM peress li bħalissa f'dan l-isqaq għaddejjin ix-xogħlijiet minnha.

22.9.3.1 <u>Kuntatt mal-Ombudsman dwar il-periklu fi Triq il- Mosta (speċjalment ħdejn iċ-ċimiterju)</u>
Is-Sindku tal-parir u ressaq għall-kunsiderazzjoni biex isir kuntatt mal-Ombudsman dwar il-periklu u l-aċċidenti kollha li qed jiġru fi Triq il-Mosta speċjalment ħdejn iċ-ċimiterju. Huwa tal-parir li l-Kunsill jikteb lill-Ombudsman fejn tintbgħat il-korrispondenza kollha li bgħat il-Kunsill lil TM u IM u xorta għadu ma sar xejn ta' sigurtà minkejja l-aċċidenti kollha li qed jiġru u kif ukoll minkejja id-diversi imejls li bgħat il-Kunsill biex tittieħed azzjoni.

22.9.3.2 Il-Kunsilliera lkoll qablu.

## 22.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

22.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 01/26 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €53.33 għax-xahar ta' Diċmebru 2025.

22.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 01/26) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 22.11 Mozzjonijiet

22.11.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 22.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

22.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom:
PA/ 08087/25 – 19, Triq Karlu Darmanin, Lija.
PA/05326/25 – St. Theresa College, Ħal Lija/Ħal Balzan/ L-Iklin Primary, Triq Robert Mifsud Bonniċi str, Lija.

22.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jiproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

22.12.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, tiġi sottomessa ttra ta' rappreżentazzjoni għal:
PA/ 08087/25 – 19, Triq Karlu Darmanin, Lija.

## 22.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

22.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

22.13.2 Is-Sinjura Farrugia Muscia qalet kif fl-aħbarijiet semgħat li l-Kunsilli li jaqaw taħt ir-Reġjun Lvant ġew mistiedna għall-konsultazzjoni jew brief in-naħa tal-white rocks. Hija staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex xi ħaġa dwar din tal-white rocks. Is-Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll is-sindku kkonfermaw kif il-Kunsill irċieva biss stedina mingħand il-Ministru Dalli, indirizzatha lis-Sindku tal-Kunsill biex jattendi għal mixja tal-White Rocks.

22.13.3 Is-Sinjura Farrugia Muscia nfurmat kif il-Kunsill mar għand l-Istitut Paulo Freire bir-rigali u l-affarijiet kollha li ngabrulhom mir-residenti u l-Kunsill. Dawn vera ħadu gost bihom u oġbuhom.

22.13.4 Is-Sinjura Farrugia Muscia staqsiet jekk tal-animal Welfare wieġbux lil Kunsill dwar il-first aid tal-annimali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tagħmel reminder oħra għaliex sissa l-Kunsill xejn ma rċieva lura mingħand dan id-dipartiment.

22.13.5 Is-Sa Abela Penza qalet kif il-fitness classes reġgħu bdew il-ġimgħa l-oħra. Qalet li bdew ukoll reġgħu l-classes ta' Read with me tat-tfal. Hija fil-qosor kompliet tgħid ukoll kif għadha qed taħdem mal-Aġenzija tal-Literiżmu biex titella l-attivita 'Xalata ta' kitba'. Hija qalet li l-Kunsill irid ikollu f'moħħu tlett historical sites biex jiġu amalgamati ma' din l-attivita. Is-Sindku qal biex jekk filkas tkompli taħseb fuqha din l-attivita jkun tajjeb jekk jinstab mod kif tiġi amalgamatha ukoll mal-iskema tal-mobilta u din l-atitvita ssir ma' oħrajn li jinvolvu l-mobilta.

22.13.6 Il-Ħin kien 6:00pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 24 ta' Frar 2026 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-16:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 24 ta' Frar 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

| Mail Reference | Date | Name | Surname | Subject |
|---|---|---|---|---|
| LLC NOV 2025/000623 | 16/11/2025 | Godfrey Pisani | Resident | Black bag onout on Sunday 26/11 |
| LLC NOV 2025/000624 | 17/11/2025 | Jeanette Galea | Regjun Ilvant | Re: Laqgha tal-kunsill regjonali lvant nru 51 - Agenda u Skeda ta' Hlasijiet |
| LLC NOV 2025/000625 | 17/11/2025 | Audrey Zammit | Resident | Yellow Box. |
| LLC NOV 2025/000626 | 17/11/2025 | Marica Axiaq | DLG | Fw: Cirkulari nru 06/2025 - Allokazzjoni Finanzjajrja ghal-2026. |
| LLC NOV 2025/000627 | 17/11/2025 | Planning | Authority | Request for Fine - other offences |
| LLC NOV 2025/000628 | 17/11/2025 | Planning | Authority | PA/03972/16 - Planning Authority communication - submission of commencemt notice required. |
| LLC NOV 2025/000629 | 17/11/2025 | Neville Galea | DLG | SPI/SCI/072025 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'sahhithom u ta' kwalita' - Kjarifika7 |
| LLC NOV 2025/000630 | 18/11/2025 | Marina PradellPages | Resident | Kindergarten drop offs blocking road. |
| LLC NOV 2025/000631 | 18/11/2025 | Mariah | Transport Malta | Re: Ilqugh bus stage - Triq in-Naxxar |
| LLC NOV 2025/000632 | 18/11/2025 | Martina Sammut | Regjun Ilvant | Re: Skema Finanzjajrja mil-Kunsill Regjonali lvant nru 2 |
| LLC NOV 2025/000633 | 19/11/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | Re: Risposta tal-Permit holder ghall-appell ta' terzi PAB 400/25 Kontra PA 2305/25 |
| LLC NOV 2025/000634 | 19/11/2025 | Karl Agius | Inginier | Playground Inspections |
| LLC NOV 2025/000635 | 20/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Re: Fitness Classes - Lija Oct 2025 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC NOV 2025/000636 | 20/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Re: Weeding - Triq Guzeppi Portelli |
| LLC NOV 2025/000637 | 20/11/2025 | Nakita Agius | MTA | Submisission of Christmas events for Visit Malta website |
| LLC NOV 2025/000638 | 21/11/2025 | Galea Scanura | Supretendent | Re: Dangerous structure in Trejqet il-Kjeriku Gakbu Abela. |
| LLC NOV 2025/000639 | 21/11/2025 | Neville Galea | DLG | SPI/SCI/072025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill-gvern centrali. |
| LLC NOV 2025/000640 | 22/11/2025 | Nadia Curmi Gatt | Public Works | Re: Public Works Framework Agreement. |
| LLC NOV 2025/000641 | 24/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Re: PA/0235/25 - Appell 00404 - Vacant Site, Triq il-Kbira u Triq Guzeppi Cali. |
| LLC NOV 2025/000642 | 24/11/2025 | Bernice Bonnici | MIV | Invitation - milied mal-Ghaqdiet Christmas Market, Palazzo Francesco |
| LLC NOV 2025/000643 | 24/11/2025 | Clifford Debbatista | EUPA | Erasmus + Youth & European Solidarity Cirps online information session. |
| LLC NOV 2025/000644 | 24/11/2025 | Jessica Galea | Project Greens | Re: Hal Liuja Garden Name. |
| LLC NOV 2025/000645 | 25/11/2025 | Justine Decelis | AKL | Cir AKL 2025/069_ Expo - Inspiring change: Councillors shaping stronger, healthier communities! 04/12_05/12/2025. |
| LLC NOV 2025/000646 | 25/11/2025 | Jensine Giglio | GreenPak | Washing of Ibins. |
| LLC NOV 2025/000647 | 25/11/2025 | Neville Galea | DLG | SPI/SCI/072025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill-gvern centrali. |
| LLC NOV 2025/000648 | 25/11/2025 | Shanice Cassar | Cultural Heritage | Re: Lista / Pjanta ta' shelters u gibjuni pubblici gewwa Hal Lija. |
| LLC NOV 2025/000649 | 25/11/2025 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Dangerous structure in Trejqet il-Kjeriku Gakbu Abela. |
| LLC NOV 2025/000650 | 26/11/2025 | Anthony Dalli | Sindku | Fwd: Lija Overdue Works. |
| LLC NOV 2025/000651 | 26/11/2025 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Sqaq nru 1 - Triq il-Kuncizzjoni |
| LLC NOV 2025/000652 | 26/11/2025 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Lija Overdue Works. |
| LLC NOV 2025/000653 | 26/11/2025 | Andrea Bianchi | | Re: Avvizi u Inizjattivi tal-Kunsill Lokali |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC NOV 2025/000654 | 26/11/2025 | Caroline Fenech | National Audit Office | New NAO report. |
| LLC NOV 2025/000655 | 27/11/2025 | Bernice Bonnici | MIV | |
| LLC DEC 2025/000656 | 12/01/2025 | Dr. Antoinette Cutajar | AKL | CIR AKL 2025/069 FW: Stedina ghal Workshop Informazzjoni Konsulari - Workshop info Konsulari fil-lokalita` |
| LLC DEC 2025/000657 | 12/01/2025 | Ramona Portelli | DLG | REMINDER: Rigal b'imhabba 2026 - Dr. Lydia Abela attivita` 'Rigal b'imhabba' |
| LLC DEC 2025/000658 | 12/02/2025 | Ramona Portelli | DLG | Rigal b'imhabba 2026 - Kunsill Lokali Hal Lija korrispondenza sabiex tippartecipa fl-attivita` |
| LLC DEC 2025/000659 | 12/02/2025 | Abigail Camilleri Enriquez | Min. Education | Seher l-Istejjer Hal Lija session: Reading Sessions being held by NLA at the Lija Local Council - sessions commence again on 5th January 2026 |
| LLC DEC 2025/000660 | 12/02/2025 | Mark Camilleri | Min. Education | Libreriji fl-apert - Ftehim bejn l-Agenzija Nazzjonali tal-Litterizmu u l-Kunsill Lokali ta' Hal Lija korrispondenza mas-Sur David Muscat (NLA); interess KLL |
| LLC DEC 2025/000661 | 12/02/2025 | David Wain | Infrastructure Malta | Ruggier Holdings Ltd. vs. Infrastructure Malta - Minghajr Pregudizzju |
| LLC DEC 2025/000662 | 12/03/2025 | Adrian | Camilleri | Triq Annibale Preca Parking - persistent illegal parmking in Triq Annibale Preca - two designated No Parkining areas. |
| LLC DEC 2025/000663 | 12/03/2025 | Justine Decelis | AKL | Cir AKL 2025/071_ Process tal-ELoge: Gwida, Appogg u Sessjoni ta' Follow-uo ghall-Kunsilli Lokali |
| LLC DEC 2025/000664 | 12/03/2025 | Paul Gatt | ANSEK (President) | BREAKING MARLEY'S CHAINS - ANSEK's Christmas Event: 11th December 'The Palace' hotel |
| LLC DEC 2025/000665 | 12/03/2025 | Ivan Eric | Securital | Security Service IRO Christmas Market 2025: LLC requesting the security services for the Christmas Market 2025 |
| LLC DEC 2025/000666 | 12/03/2025 | Magdalene Tayyar | Resident | Bollards at Junction of Annibale Preca & Massimiliano Debono Str. - request for the replacement of bollards |
| LLC DEC 2025/000667 | 12/03/2025 | Dr. Chris Cilia (LLD.) | Letterhead rec by Post | Advocate writing obo client Sa. J. Micallef residing in Conception Str. - cellar flooded due to road works in Conception Str. Alley 1 |
| LLC DEC 2025/000668 | 12/03/2025 | Charmaine Cassar | Planning Authority | Enquiries re. an abandoned House - PC 2090 email correpsondence reg. Houses No. 30 Main Str. & No. 245 Main Str. (Hal Balzan) |
| LLC DEC 2025/000669 | 12/03/2025 | Neville Galea | DLG | SPI/SCI/07/2025 - Finanzjament - Kommunitajiet aktar b' sahhithom u ta' kwalita` |
| LLC DEC 2025/000670 | 12/03/2025 | Gerald Fenech | Torri Gardens Ltd. | Trees or bushes obstructing - overgrown trees growing outwards onto the street (Transfiguaration Ave.) from the University Residence gardens |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC DEC 2025/000671 | 12/04/2025 | Mark Camilleri | Min. Education | Librerija fl-apert - Ftehim bejn l-Agenzija Nazzjonali tal-Litterizmu u l-Kunsill Lokali ta' Hal Lija korrispondenza mas-Sur David Muscat (NLA); interess KLL |
| LLC DEC 2025/000672 | 12/04/2025 | Laura Bruno | | Fitness Classes - Lija Oct 2025: 2 Invoices & Attendance Sheets - amounts clarification |
| LLC DEC 2025/000673 | 12/04/2025 | Antonella | Vassallo | 22nd Feb Family outing  - Parocca Salvatur Youth Club, requesting the sponsorship of the LLC for an activity |
| LLC DEC 2025/000674 | 12/04/2025 | Michelle Scerri | DLG | Hal Lija - Manutenzjoni u Sostenn - SPI/SCI/6/2025 - Full Payment - allocation of funds to the Lija Local Council for Maintenance |
| LLC DEC 2025/000675 | 12/04/2025 | Karen Scicluna | MCLG | Stedina ghall-Konferenza Stampa - VCA; Wednesday 10th December 2025; stedina Seg. Parlamentari (Gvern Lokali ) Dr. Zerafa Civelli |
| LLC DEC 2025/000676 | 12/04/2025 | Joanne Sciortino Trevisan | DOI | Request for photos/videos of Christmas Decorations by Local Councils - Facebook page showcasing Christmas decorations in local main squares |
| LLC DEC 2025/000677 | 12/05/2025 | James Hamberger | Regjun Lvant | O'Holy Nights Chapel Trail - No Parking Permits; request for x3 No Parking Signs in front of Parish Church - activity Region singing Christmas Carols |
| LLC DEC 2025/000678 | 12/08/2025 | Denise Vella | Police | Hajt perikoluz, 30 Triq il-Kbira, Lija - Police email correspondence re. 3 storey garden wall endangering the Public safety |
| LLC DEC 2025/000679 | 12/08/2025 | Kristen | Schembri | Festa tac-Citru - Trikki Trakki establishment expressing their interest in partaking in the upcoming Citrus Festival 2026 |
| LLC DEC 2025/000680 | 12/09/2025 | Ian Magro | AKL | Cir AKL 2025/072 Registration for the fifth edition of the Academy and Conference 'Human Rights Go Local: What works' |
| LLC DEC 2025/000681 | 12/09/2025 | Ian Magro | AKL | Cir AKL 2025/073 - Ministry of EU Funds; Funds and Programmes Division; Electoral Program |
| LLC DEC 2025/000682 | 12/09/2025 | Andrea Borg Brincat | Eastern Regional Council | Invitation to participate in the palm tree distribution scheme - launch on 19th December 2025 |
| LLC DEC 2025/000683 | 12/09/2025 | Justine Decelis | AKL | Cir AKL 2025/071 Process tal ELoGE: Gwida, Appogg u Sessjoni ta' Follow-Up ghall-Kunsilli Lokali |
| LLC DEC 2025/000684 | 12/09/2025 | Bernice Bonnici | MIV | Invitation - Milied mal-Ghaqdiet Christmas Market, Palazzo Francesco, Hal Lija - requesting sharing video 'Strada Rjali' on Social Media |
| LLC DEC 2025/000685 | 12/10/2025 | James Hamberger | Eastern Regional Council | Chapel Trail - event manager: Mr. Martin Vella appointed Events Coordinator - Lija local Council point of reference |
| LLC DEC 2025/000686 | 12/11/2025 | Claudia Stafrace | DLG | PQ33090 - Rapport tal-Awditur Generali ghas-sena 2024 - Kunsilli Lokali - Supplementary Income |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC DEC 2025/000687 | 12/11/2025 | Tommy Debono | Transport Malta | Road mirror Application - Lija Local Council - request for mirror installation in Carmelo Farrugia Str. |
| LLC DEC 2025/000688 | 12/11/2025 | Dori Ann Farrugia | Community Police | Hajt perikoluz, 30 Triq il-Kbira, Lija - Police email correspondence re. 3 storey garden wall endangering the Public safety |
| LLC DEC 2025/000689 | 12/12/2025 | Balzan YFA | Football Club | Thank you - Mr. Emilio Barbara expressed his heartfelt gratitude for the LLC intervention of the trees causing damge to the surrounding fence and cleaning |
| LLC DEC 2025/000690 | 12/12/2025 | Gabriel Aquilina | ERA | Waste Collection - updated waste collection for the festive season as published in the Government Gazzette |
| LLC DEC 2025/000691 | 12/12/2025 | Francesca Zerafa | Resident | Regarding Citrus Festival 2026- setting up a stall at the upcoming edition of the Citrus Festival 2026 |
| LLC DEC 2025/000692 | 16/12/2025 | Lorraine Farrugia | Councillor | Awareness favur l-annimali - awareness campaign on animal rights |
| LLC DEC 2025/000693 | 16/12/2025 | Diane Abela Penza | Councillor | Fitness Classes - festive break on 11th December 2025 till commencement date on 8th January 2026 |
| LLC DEC 2025/000694 | 16/12/2025 | Joyce Dimech | Dimbros Ltd. | Responibility form RWP1-0540-25 - Issuance of Road Permit - correspondence with Transport Malta |
| LLC DEC 2025/000695 | 18/12/2025 | Michelle Scerri | DLG | Hal Lija - SPI/SCI/7/2025 - Kommunitajiet aktar b'sahhithom - Advanced Payment - Budget Allocation Lija Local Council |
| LLC DEC 2025/000696 | 18/12/2025 | Omar Zahra | Wasteserv | Temporary closure of Ta' Qali Civic Amenity Site - 1st to 5th December- due to scheduled works |
| LLC DEC 2025/000697 | 18/12/2025 | Magdalene Tayyar | Resident | Bollards at Junction of Annibale Preca & Massimiliano Debono Str. - request for the replacement of bollards |
| LLC DEC 2025/000698 | 18/12/2025 | Neville Galea | DLG | Hal Lija - SPI/SCI/7/2025 - Kommunitajiet aktar b'sahhithom u ta' kwalita` - email attachment Commitment letter - to be submitted to Directorate 23/12/2025 |
| LLC DEC 2025/000699 | 18/12/2025 | Donio Cini | Deputy Mayor | Visit - Oqbra fil-Knisja Parrokkjali l-Qadima ta' Hal Lija - 29/12/2025 Hon. Minister Dr. Owen Bonnici zjara ufficjali l-oqbra fil-Knisja tas-Salvatur l-Antik |
| LLC DEC 2025/000700 | 19/12/2025 | Diane Abela Penza | Councillor | Garage in Daniel Sammut Str. - further down the Core Apartments direction towards Wigi Muscat Str. - drainage cover in disrepair and poses risk to pedestrians |
| LLC DEC 2025/000701 | 19/12/2025 | Ellis McCullough | ADI Advocates | Planning Applications Review - PA 07694/25 - preparation for a short letter of objection for lodged representation |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC DEC 2025/000702 | 19/12/2025 | Cleansing Dept. | CMD | Ticket No. 982165/Boroz Suwed - Ilment minghand il-Ministeru tal-Inkluzjoni rigward 8 boroz mitfughin bl-addocc gewwa Triq in-Naxxar c/w Triq Sir Ugo Mifsud |
| LLC DEC 2025/000703 | 20/12/2025 | Francesca Debono | Resident | Water shortage - low water pressure and short supply in the provision of water - WSC intervention to assist in the matter and request for LLC assistance |
| LLC DEC 2025/000704 | 21/12/2025 | Ellis McCullough | ADI Advocates | Planning Applications Review - PA 07694/25 - preparation for a short letter of objection for lodged representation |
| LLC DEC 2025/000705 | 22/12/2025 | Customer care | CMD | Ticket No. 982165/Boroz Suwed - Ilment minghand il-Ministeru tal-Inkluzjoni rigward 8 boroz mitfughin bl-addocc gewwa Triq in-Naxxar c/w Triq Sir Ugo Mifsud |
| LLC DEC 2025/000706 | 22/12/2025 | Diane Abela Penza | Councillor | Iz-zebbug ta' hdejn il-Madonna - Annibale Preca Str. - Kunsillier b'talba sabiex il-kennies jiknes madwar in-nicca minhabba l-periklu taz-zebbug mwaqqa' |
| LLC DEC 2025/000707 | 22/12/2025 | Nikolic Tristjan Nemanja | Project Green | Notification of Extended Working Hours - Merino Garden Project, Lija - till the end of January 2026 |
| LLC DEC 2025/000708 | 22/12/2025 | Lorraine Farrugia | Councillor | Flus ghar-rigali ghat-tfal ta' l-Istitut - ingabret is-somma ta' Euro 50 |
| LLC DEC 2025/000709 | 22/12/2025 | Mario Ellul | MTIP-CSU | Storm Water Channel / Culvert from Chadwick Lakes ending at around Lija cemetery - remittance |
| LLC DEC 2025/000710 | 22/12/2025 | Antonella Vassallo | Youths | 22nd Feb Family outing - Parocca Salvatur Youth Club, requesting the sponsorship of the LLC for an activity |
| LLC DEC 2025/000711 | 23/12/2025 | Roberta Callus | DLG | Informazzjoni dwar progetti imwettqa mill-Kunsilli Lokali matul l-ahhar legislazzjoni 2024-2025 |
| LLC DEC 2025/000712 | 23/12/2025 | Noel Muscat | NM Group | German Choir Group - Malta visit 2026 - Eastern Regional Council approached by Event Solutions Malta to host an event within localities in October 2026 |
| LLC DEC 2025/000713 | 23/12/2025 | Nikolic Tristjan Nemanja | Project Green | Notification of Extended Working Hours - Merino Garden Project, Lija - till the end of January 2026 |
| LLC DEC 2025/000714 | 23/12/2025 | Ryan Zammit | Regjun Lvant | Reminder Organic Bags: Gentle reminder regarding the distribution of organic bags to Local Councils within the region |
| LLC DEC 2025/000715 | 23/12/2025 | Diane Abela Penza | Councillor | Iz-zebbug ta' hdejn il-Madonna - Annibale Preca Str. - Kunsillier b'talba sabiex il-kennies jiknes madwar in-nicca minhabba l-periklu taz-zebbug mwaqqa' |
| LLC DEC 2025/000716 | 23/12/2025 | Paul Pizzuto | Resident | Triq Gannikol Buhagiar Lija - L-ippjanar tat-triq specjalment bis-sigra u r-rampa; talba sabiex il-Kunsill Lokali Hal Lija jiccekja mal-Infrastructure Malta |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC DEC 2025/000717 | 24/12/2025 | Ing. Karl D. Agius | Inspection | Playground Inspections - Email attachment with playground inspection reports |
| LLC DEC 2025/000718 | 24/12/2025 | Alfred Zarifa | Resident | Abandoned waste bags - mixed waste bags in Sqaq ta' Sejduna next to Kjeriku Gakbu Abela Str. remained uncollected over 3/4weeks |
| LLC DEC 2025/000719 | 26/12/2025 | Noel Mercieca | TZRA | Public Spaces & Garden works meeting - prospect of c/o embellishment works in public gardens and spaces |
| LLC DEC 2025/000720 | 26/12/2025 | Ramona Portelli | DLG | Numri godda ta' bibien - Nr 1866 - 1874 mill-Gazzetta tal-Gvern Numru 21,543 tal-25 ta' Novembru 2025 |
| LLC DEC 2025/000721 | 26/12/2025 | CMD | Customer Care | Ticket No. 344090 - Littering in Triq tat-Torba |
| LLC DEC 2025/000722 | 28/12/2025 | Bernice Caruana | MCLG | Visit - Oqbra fil-Knisja Parrokkjali l-Qadima ta' Hal Lija - 29/12/2025 Hon. Minister Dr. Owen Bonnici zjara ufficjali l-oqbra fil-Knisja tas-Salvatur l-Antik |

| **Mail Reference** | **Date** | **Name** | **Surname** | **Subject** |
|---|---|---|---|---|
| LLC JAN 2026/000001 | 01/02/2026 | Christa | Agius | Follow-up on animal waste hugiene issue in Triq il-Forn, Sqaq Nru 3 |
| LLC JAN 2026/000002 | 01/05/2025 | PA | Planning Authority | PA/07712/24 - Acknowledgement of Submission - Vacant Plot in Triq Depiro Gourgion, Lija |
| LLC JAN 2026/000003 | 01/05/2026 | Diane Abela Penza | Councillor | Mera ta' faccata tal-garaxx tieghi No. 170, triq Annibale Preca - twettaq att ta' vendikazzjoni fuq il-mera; CCTV footage, Pulizija u GDPR |
| LLC JAN 2026/000004 | 01/05/2026 | Amy Vella Marie | ERA | Request for Weekly WEEE Collection Data - Lija Local Council - collection date, collection points and description of WEEE items |
| LLC JAN 2026/000005 | 01/05/2026 | Ian Magro | AKL | Cir AKL 2026/001 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Sahha 2026 |
| LLC JAN 2026/000006 | 01/05/2026 | Mark Amaira | | Incident bejn il-Mosta u Hal Lija - the need to address safety issues in the area |
| LLC JAN 2026/000007 | 01/05/2026 | Ryan Zammit | Eastern Regional Council | Clean-up Location - Eastern Regional Council in collaboration w/ McDonalds; cleanup of localities |
| LLC JAN 2026/000008 | 01/05/2026 | Perit Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Parking Ta' Senna - works are being c/o for parking |
| LLC JAN 2026/000009 | 01/05/2026 | Paul Pizzuto | | Triq Gannikol Buhagiar Lija - request to schedule a meeting w/ the Mayor reg. lines in front of his residence |
| LLC JAN 2026/000010 | 01/05/2026 | Ellis McCullough | ADI Advocates | Planning Applications Review - planning applications advertised 24/12/2025 - PA shutdown during festive season |
| LLC JAN 2026/000011 | 01/07/2026 | Prim Awla tal-Qorti Civili | Qorti ta' Malta | Letter delivered to LLC; addressed to IM, LLC and WSC; water entering a resident's property in Conception Str. Alley 1 |
| LLC JAN 2026/000012 | 01/06/2026 | Diane Abela Penza | Councillor | Weeding Guzeppi Portelli Str. and Triq il-Mithna |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC JAN 2026/000013 | 01/06/2026 | Damian Ferriggi | WSC | RWP2 - emergency works: works to be c/o in Conception Str. |
| LLC JAN 2026/000014 | 01/06/2026 | Luke Scicluna | WSC | RWP2-0005/26 - progett tal-ilma gewwa Triq il-Kuncizzjoni - request for site meeting |
| LLC JAN 2026/000015 | 01/07/2026 | James Hamberger | Eastern Regional Council | AISO Academy - Mobile Studio : mobilising a mobile studio for local events and projects within localities in the Region. |
| LLC JAN 2026/000016 | 01/07/2026 | Ryan Zammit | Eastern Regional Council | Providing Bins - Eastern Regional Council agreement w/ CMD to provide bins upon request. |
| LLC JAN 2026/000017 | 01/07/2026 | Ryan Zammit | Eastern Regional Council | Educational Posts - educational posts to be published online by all LC in the region to raise awareness on waste management |
| LLC JAN 2026/000018 | 01/07/2026 | Manuel Zammit | Planning Authority | Objection to PA/7712/24 - disused mushroom farm objection letter requires amendment |
| LLC JAN 2026/000019 | 01/07/2026 | Justine Decelis | LCA | Cir AKL 2026/003 International Epilepsy Day |
| LLC JAN 2026/000020 | 01/07/2026 | Paul Pizzuto | Infrastructure Malta | Form submission from: Contact us CRM:0294659 - xogholijiet fuq il-bankina, hsara fil-katusa tal-ilma. |
| LLC JAN 2026/000021 | 01/08/2026 | Chantal Falzon | N/A | Request for filling gap in Triq Preziosi - road surface is significantly lower resulting in an exposed gap - water seepage and attract pests |
| LLC JAN 2026/000022 | 01/08/2026 | James Hamberger | Eastern Regional Council | Carnival Activities: Eastern Regional Council hosting a series of events for Carnival 2026 |
| LLC JAN 2026/000023 | 01/08/2026 | Noel Mercieca | TZRA | Public Spaces & Garden works meeting - meeting at the Recreational Garden (Lija) |
| LLC JAN 2026/000024 | 01/08/2026 | Roberta Sacco | | Ongoing parking difficulties due to large vehicles |
| LLC JAN 2026/000025 | 01/08/2026 | Ryan Zammit | Eastern Regional Council | DVR System - waste not collected shouldbe reported by the LC via this online system. |
| LLC JAN 2026/000026 | 01/08/2026 | Dori Ann Farrugia | Community Police | Karozza - Triq Giovanni Barbara : Community Police to c/o inspection |
| LLC JAN 2026/000027 | 01/08/2026 | Ryan Zammit | Eastern Regional Council | Festa Citru 2026 - request for additional bins on Sunday 25th January 2026 |
| LLC JAN 2026/000028 | 01/08/2026 | Shanice Cassar | SCH | Scanning of underground cultural heritage spaces - Agreement w/ UoM and MTA - scanning & digitisation of underground historic spaces |
| LLC JAN 2026/000029 | 01/08/2026 | Michael Cohen | Transport Malta | Komunikat lil Kunsilli Lokali dwar permessi mahruga minn Transport Malta |
| LLC JAN 2026/000030 | 01/09/2026 | Ruben Sultana | Resident | Lija Double yellow lines - Triq Sant' Andrija Sqaq No. 1 |